# Il-pensjoni tar-romol

FL-AHHAR ġimgħat tajt ħarsa pjuttost estensiva lejn il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-fatturi ewlenin li jiddeterminaw id-dritt u x'rata ta' pensjoni titħallas. Ittrattajt ukoll pensjonijiet oħrajn tal-irtirar li wieħed jista' jibbenefika minnhom.



Illum se nittratta ż-żewġ pensjonijiet ewlenin tar-romol li jeżistu: il-Pensjoni tas-Superstiti u l-Pensjoni tar-Romol. Kważi dak kollu li ktibt dwar il-pensjonijiet tal-irtirar japplika wkoll għall-pensjonijiet tar-romol. Dan għax il-kundizzjonijiet statutorji u tal-kontribuzzjonijiet applikabbli huma prattikament l-istess bid-differenza li dawn huma bbażati fuq il-konjugi l-mejjet.

Tajjeb li ngħid li mill-1998 'l hawn, dak kollu li japplika għal romol nisa sar japplika wkoll fis-sħiħ għal romol irġiel. Dwar dan fil-fatt kont tkellimt fl-artiklu tiegħi tas-16 ta' Marzu, 2010. Minn Jannar 1998 tneħħew id-differenzi kollha li kien hemm bejn ir-romol nisa u dawk irġiel fil-kundizzjonijiet li bihom jitħallsu il-pensjonijiet tar-romol.

## Il-Pensjoni tas-Superstiti

Il-Pensjoni tas-Superstiti daħlet fis-seħħ f'Jannar tal-1979 meta ddaħħlet il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Jistgħu ikunu intitolati għal din il-pensjoni romol li l-konjugi mejtin tagħhom ħallsu kontribuzzjonijiet wara l-21 ta' Jannar, 1979.

Naturalment, il-komputazzjoni tal-Pensjoni tas-Superstiti tiddependi għal kollox fuq il-kundizzjonijiet stipulati fl-iskema tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Dan ifisser li biex tkun ikkalkulata il-Pensjoni tas-Superstiti, l-ewwel irid isir il-kalkolu tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi li jkun intitolat għaliha il-konjugi l-mejjet, inkluż il-kalkolu tad-dħul pensjonabbli li dwaru kont tkellimt fl-artiklu tiegħi tal-1 ta' Ġunju, 2010.

Il-konjugi l-mejjet jista' jkun diġà pensjonant jew ikun għadu qed jaħdem meta jmut jew tmut. Jekk ikun għadu ma rtirax, issir stima tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi daqslikieku il-konjugi l-mejjet ikun irtira fid-data tal-mewt. Fiż-żewġ każi, l-armla jew l-armel imbagħad jitħallsu ħamsa minn sitta tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi kieku dovuta liil-konjugi l-mejjet jew ħamsa minn disgħa tad-dħul pensjonabbli.

Infakkar li biex armla jew armel ikunu intitolati għall-Pensjoni tas-Superstiti, il-konjugi l-mejjet irid ikun ħallas jew għandu akkreditati medja ta' mill-inqas 15-il kontribuzzjoni fis-sena (l-istess bħall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi). L-ogħla Pensjoni tas-Superstiti li tista' titħallas lil xi ħadd li romol matul l-2010 hija ta' €182.86 fil-ġimgħa.

Meta armla jew armel ikunu intitolati għal Pensjoni tas-Superstiti u jkunu qegħdin jirċievu wkoll pensjoni tas-servizz mingħand l-eks-prinċipal tal-konjugi tagħhom, l-ammont tal-Pensjoni tas-Superstiti flimkien mal-pensjoni tas-servizz ma jistgħux jeċċedu ż-Żewġ Terzi tad-dħul pensjonabbli. Meta l-ammont ta' dawn magħdud flimkien jeċċedi ż-Żewġ Terzi tad-dħul pensjonabbli, mill-ammont tal-Pensjoni tas-Superstiti titnaqqas id-differenza maqbuża.

## Pensjonijiet oħrajn tar-romol

Minbarra l-Pensjoni tas-Superstiti hemm ukoll żewġ pensjonijiet oħrajn tar-romol. Waħda hi bbażata fuq il-Pensjoni Minima Nazzjonali u titħallas lil romol li m'għandhomx pensjoni tas-servizz. L-oħra titħallas lil min għandu pensjoni tas-servizz u r-rata tagħha hi naturalment inqas. Dawn iż-żewġ pensjonijiet jitħallsu lil min il-konjugi tagħhom ikun ħallas jew kellu akkreditati biżżejjed kontribuzzjonijiet (mill-inqas medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena).

Bħala Pensjoni tar-Romol, armla jew armel li m'għandhomx xi pensjoni tas-servizz u li l-konjugi tagħhom kien ħallas jew kellu akkreditati medja ta' mill-inqas 50 kontribuzzjoni fis-sena, jirċievu rata ta' €109.37 fil-ġimgħa. Min-naħa l-oħra, armla jew armel li għandhom xi pensjoni tas-servizz u li l-konjugi tagħhom kien ħallas jew kellu akkreditati medja ta' mill-inqas 50 kontribuzzjoni fis-sena, jirċievu Pensjoni tar-Romol bir-rata ta' €91.60 fil-ġimgħa. Ir-rati jvarjaw skont il-medja tal-kontribuzzjonijiet jekk din tkun inqas minn 50 fis-sena.

Tajjeb li ngħid li bl-emendi li kienu ddaħħlu fil-liġi bejn l-1996 u l-1998, kważi r-romol kollha llum qegħdin jitħallsu Pensjoni tas-Superstiti. Dan għax il-prinċipju tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi (u allura anke tas-superstiti) kien estiż anke għal romol li l-konjugi tagħhom mietu qabel il-21 ta' Jannar, 1979.

Għalhekk, għalkemm fit-teorija u legalment il-Pensjoni tar-Romol (l-antika) għadha teżisti, fil-prattika tneħħi xi eċċezzjonijiet, din kważi spiċċat għax ir-rata ta' pensjoni li persuna tista' tirċievi taħt id-dispożizzjonijiet tagħha kważi dejjem ikunu inqas minn dak li tista' tirċievi bil-Pensjoni tas-Superstiti.

Meta ma jiġrix hekk titħallas il-Pensjoni tar-Romol li allura sservi bħala minimu garantit għall-armla jew l-armel, speċjalment f'każ fejn id-dħul pensjonabbli tal-konjugi l-mejjet ikun baxx.

Bħalma għedt ħmistax ilu, importanti huwa l-fatt li persuna tista' titħallas pensjoni waħda biss, li naturalment tkun l-ogħla waħda minn dawk li jista' jkollha dritt għalihom. Jiġifieri armla jew armel ma jistgħux jitħallsu Pensjoni ta' Superstiti u Pensjoni tar-Romol fl-istess ħin iżda jitħallsu l-ogħla pensjoni.

L-istess irid jingħad f'każ li l-armla jew l-armel, minbarra għall-Pensjoni tas-Superstiti jew Pensjoni tar-Romol, ikollhom dritt ukoll għall-Pensjoni taż-Żewġ Terzi jew tal-Irtirar. Anke f'dan il-każ il-persuna tista' titħallas pensjoni waħda biss, li tkun l-ogħla waħda.

## Dispożizzjonijiet ġenerali

a. Huwa importanti ħafna li jingħad li biex armel jew armla jibbenefikaw mill-Pensjoni tas-Superstiti jew il-Pensjoni tar-Romol, dawn iridu japplikaw fuq il-formola pprovduta mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Din l-applikazzjoni trid issir sa mhux aktar minn sitt xhur wara l-mewt tal-konjugi. Jekk issir wara li jiskadu s-sitt xhur, id-dritt għall-pensjoni jibda jgħodd minn meta tkun saret it-talba u mhux mid-data tal-mewt tal-konjugi.

b. Jekk konjugu jmut traġikament fuq il-post tax-xogħol jew fil-qadi ta' dmirijietu, l-armla jew l-armel jingħataw il-Pensjoni tas-Superstiti jew il-Pensjoni tar-Romol sħiħa li titħallas lil min il-konjugi tiegħu ħallas jew kellu akkreditati medja ta' mill-inqas 50 kontribuzzjoni fis-sena, anke jekk il-medja fil-fatt tkun inqas.

ċ. Għalkemm fil-prinċipju ir-romol huma intitolati għal 5/9 tad-dħul pensjonabbli tal-konjugi mejtin tagħhom, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja xorta jeħduha sħiħa. Bħall-pensjonanti l-oħrajn kollha, żewġ terzi tagħha jeħduha fil-pensjoni waqt li t-terz l-ieħor jeħduh bħala bonus fil-bidu tas-sena.

d. Meta armla jew armel ma jkunux jaħdmu u jkollhom taħt il-kura l-kustodja tagħhom tfal taħt is-16-il sena, jingħataw żieda addizzjonali fil-pensjoni ta' €9.32 fil-ġimgħa għal kull wild. Jekk l-armla jew l-armel ikunu qegħdin jaħdmu bi qligħ, iż-żieda addizzjonali tkun ta' €4.54 fil-ġimgħa għal kull wild.

e. Fil-prinċipju, armla jew armel jistgħu jieħdu l-pensjoni tar-romol u jaħdmu sakemm id-dħul mill-impjieg ma jaqbiżx il-Paga Minima Nazzjonali. Madankollu jekk ikollhom il-kura u l-kustodja ta' tfal taħt is-16-il sena, ir-romol jistgħu jieħdu l-pensjoni u jaħdmu mingħajr limitu fuq il-qligħ tagħhom. Din l-eżenzjoni hi estiża wkoll sakemm it-tfal jagħlqu l-21 sena jekk it-tfal ma jkunux qegħdin jaħdmu jew għadhom jistudjaw u mhuma jirċievu ebda stipendji għall-istudji tagħhom.

f. Kif kont spjegajt fl-artiklu tiegħi tal-4 ta' Mejju, 2010, l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jipprovdi għal diversi sitwazzjonijiet fejn meta minħabba xi kontinġenza partikolari, individwu ma jkunx jista' jħallas il-kontribuzzjoni, l-obbligu li din titħallas jitneħħa u minflok jingħataw kontribuzzjonijiet akkreditati. Permezz ta' dawn il-kontribuzzjonijiet ak-

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċempel fuq in-numru 159.*

kreditati, il-persuna ma jkollhiex perjodi ta' kontribuzzjonijiet neqsin sempliċiment minħabba li ma tkunx qiegħda taħdem bħala riżultat ta' xi kontinġenza partikolari f'ħajjitha. Armla jew armel ukoll jistgħu jingħataw kontribuzzjonijiet akkreditati mid-data tal-mewt tal-konjugi 'l quddiem sakemm l-armla jew l-armel ma jkunux qegħdin jaħdmu jew qegħdin jaħdmu u ma jaqilgħux aktar mill-Paga Minima Nazzjonali.

Dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati, dawn jingħataw kemm-il darba il-konjugu jkun ħallas mill-inqas 156 kontribuzzjoni qabel miet.

g. Jekk armel jew armla jerġgħu jiżżewġu, jibqgħu jirċievu l-pensjoni tar-romol sa ħames snin wara. Ir-rata li titħallas iżda tista' ma tibqax l-istess, speċjalment jekk tkun qiegħda titħallas Pensjoni tas-Superstiti li kif spjegajt fuq dejjem tkun ogħla mill-Pensjoni tar-Romol (l-antika). Fil-fatt ir-rata li titħallas f'dan il-każ tkun dik tal-Pensjoni tar-Romol u mhux tas-Superstiti.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

■ **Issa ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Paul Camilleri miċ-Żurrieq, staqsa: "Impjegat li twieled fl-1959 u ilu jaħdem minn Ġunju 1976, kemm-il sena suppost irid idum jaħdem biex ikun jista' jibda jirċievi l-pensjoni sħiħa? Jekk dan l-impjegat ikollu anqas minn 61 sena meta jkun ħallas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li għandu bżonn, ikun eliġibbli li jirċievi l-pensjoni? Nirringrazzja lis-Sur Camilleri għall-mistoqsija tiegħu.**

**Fil-każ ta' persuna li twieldet fl-1959, l-età tal-irtirar se titla' għal 64 sena (fil-fatt l-istess se jiġri għal min twieled bejn l-1959 u l-1961). Iżda huwa possibbli li persuna li twieldet fl-1952 jew wara tirtira qabel l-età tal-irtirar propja tagħha. Fil-fatt, fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961, din tista' jekk trid titlob il-pensjoni tal-irtirar (inkluż taż-Żewġ Terzi) meta tagħlaq 61 sena (l-istess għall-irġiel u n-nisa). Dan tkun tista' tagħmlu kemm-il darba mis-sena li fiha tkun għalqet id-19-il sena (fil-każ ta' ħadd li twieled qabel l-4 ta' April 1958) jew it-18-il sena (għal min twieled mill-4 ta' April 1958 'il quddiem) ikollha mill-anqas total ta' 1,820 kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditati (35 sena).**

**Mela fil-każ ta' xi ħadd li twieled fl-1959, dan effettivament jista' jieħu l-pensjoni taż-Żewġ Terzi meta jagħlaq 61 sena (IŻDA MHUX QABEL) jekk kemm-il darba jkollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati mis-sena li fiha għalaq id-19-il sena 'l hawn.**

**Madankollu nfakkar li huwa importanti li jingħad li fil-każ ta' dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961, jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt fuq, biex din il-persuna ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha (inkluż il-pensjoni massima), il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa jridu jinkludu kważi l-aħħar għaxar (10) snin kollha (l-10 snin sħaħ li jiġu mmedjatament qabel is-sena li fiha l-persuna tagħlaq 61 sena) – biex inkun preċiż, irid ikollu 9 snin u xahrejn mill-aħħar 10 snin imsemmija. Dan jirrizulta mill-mod kif se jinhadem it-test tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni taż-Żewġ Terzi għal min twieled bejn l-1952 u l-1961.**

**Mela biex inkun speċifiku għal dan il-każ, la persuna twieldet fl-1959 u allura tagħlaq 61 sena matul l-2020, biex ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha (inkluż jekk inhu l-każ il-pensjoni massima) hija jrid ikollha kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati b'mod regolari kull ġimgħa, sa mill-inqas għaxar xhur qabel tagħlaq il-61 sena, għalkemm xorta ma tistax tirċievi l-pensjoni qabel tagħlaq il-61 sena. Infakkar ukoll li jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegajt, hija ma tkunx tista' taħdem waqt li tkun qed tieħu l-pensjoni sakemm tilħaq l-età propja tagħha tal-irtirar.**

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*